KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| Ref: Seduta 22Ad hoc_26/10/10 VI |
|---|

# MINUTI TAT-TNEJN U GHOXRIN SEDUTA *Ad Hoc*

**It-tnejn u għoxrin seduta ad hoc** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet it-Tlieta **26 ta' Ottubru, 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Viċi Sindku:** | **Cyrus Engerer** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Svetlana R. Curmi** |
| **Uffiċjal:** | **Stefania Friggieri** |
| **Accountant tal-Kunsill:** | **Christian Vella** |
| **Skuzati:** | **Nicolai Gauci** |

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Is-seduta bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija b'din l-agenda:

1. **Rendikont finanzjarju tal-kunsill lokali ta' Tas-Sliema**

1.1 Is-Sindku talbet lill-Kunsillier N. Dimech jagħti l-kummenti tiegħu dwar ir-rendikont finanzjarju minħabba li meta ġew diskussi dawn ir-rapporti fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti l-Kunsillier Dimech ma kienx preżenti u kien talab li ssir laqgħa oħra.

1.2 Il-Kunsillier N. Dimech staqsa kemm tilef il-kunsill minħabba li ġie ffirmat il-kuntratt mal-Green MT u s-Sindku saħqet li din il-laqgħa qed issir biex jiġi diskuss ir-rendikont finanzjarju.

1.3 Il-Kunsillier N. Dimech qal li hu m'għandu xejn kontra l-Green MT izda min-naħa l-oħra staqsa kienux avżati l-kunsilliera b'dan il-kuntratt.

1.4 Is-Sindku qalet li diġa kien ittieħed vot f'Jannar li għadda biex jiġi ffirmat dan il-kuntratt u qatt ma daħal fis-seħħ. Fakkret li kien propost mil-Kunsillier N. Dimech u ssekondat mill-Kunsillier M. Debono.

1.5 Is-Sindku reġgħet qalet li din il-laqgħa *ad hoc* kellha fuq l-aġenda għad-diskussjoni r-rendikont finanzjarju.

1.6 Il-Kunsillier M. Debono qal li jrid jagħmel *point of order* għaliex ried kjarifika jekk dan hux l-istess kuntratt li kien issekonda.

1.7 Il-Kunsillier N. Dimech qal li ma jafx għalfejn ingħatat l-impressjoni li l-Kunsill qiegħed *border line* meta ħafna mill-*invoices* bħal Polidano, dawk relatati mat-*tender* tal-*fairy lights* ma tħallsux.

1.8 Il-Kunsillier C. Engerer fakkar li l-Kunsill fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ħa vot favur ir-rendikont finanzjarju bil-kundizzjoni li jżomm ir-riserva sakemm joħroġ ir-rapport tal-IAID. Dan il-vot ittieħed għaliex mingħajr l-approvazzjoni tar-rendikont finanzjarju ma setax jiġi ffinalizzat il-*mid-term audit*.

1.9 Is-Sindku J. Gonzi talbet l-accountant tal-Kunsill is-Sur C. Vella biex jagħti l-kummenti tiegħu dwar ir-rendikont finanzjarju.

1.10 Dwar ir-rimarka tal-Kunsillier N. Dimech, is-Sur Vella qal li la darba tidħol *invoice* fl-uffiċċju tal-Kunsill dawn għandhom jidħlu fl-accounts tal-Kunsill. Fir-rigward tal-kontijiet tal-*fairy lights* qal li l-Kunsill għadu ma rċeviex *credit note* allura bilfors li l-invoice tibqa' tidher fl-*accounts* tal-Kunsill. Is-Sur Vella qal li kull informazzjoni finanzjarja ġiet mgħoddija lill-Kunsilliera meta din ġiet mitluba b'mod uffiċċjali. Is-Sur Vella ta' eżempju li meta l-kunsillier N. Gauci kien talbu waqt l-aħħar laqgħa tal-kunsill il-lista ta' kredituri din ġiet mogħtija lilu mis-Segretarju.

1.11 Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera preżenti jekk kellhomx aktar kummenti dwar ir-rendikont finanzjarju.

1.12 Il-Kunsillier M. Debono qal li hemm bzonn li issa wieħed jara r-rapport tal-IAID.

1.13 Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li kif qabel kien indikat li l-figuri kien kollox sew imbagħad f'xahrejn tbiddel kollox. Is-Sur Vella irrisponda li hu daħħal il-figuri skont l-*invoices* li wasslu l-kunsill.

*Il-kunsillier N. Dimech telaq mis-seduta fis-6pm.*

**Is-seduta ntemmet fis-6 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Approvati illum 9 ta' Marzu, 2011.